10 ta' Diċembru, 1953

Imħallef :—

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Portelli ne. *versus* Carmelo Vella**

**Institur — "Managing Director" — Ditta — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 68 u 66 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Skond il-liġi kummerċjali, l-institur jista' jippromwovi azzjonijiet, u jista' jiġi konvenut f'ġudizzju, f'isem il-preponent għall-obligazzjonijiet dipendenti mill-attijiet minnu ntrapriżi fl-eżerċizzju tal-kummerċ, jew ta' ram tal-kummerċ, li minnu jkun ġie inkarikat, anki meta l-prinċipal ikun jinsab f'dawn il-Gżejjer.*

*Għalkemm l-institur ta' ditta jista' jippromwovi azzjoni li titnissel minn operazzjoni minnu magħmula fl-eżerċizzju tal-kummerċ ta' dik id-ditta, anki jekk il-prinċipal, jew min jagħmel minn dik id-ditta, ma jkunx assenti minn dawn il-Gżejjer. U biex hekk jaġixxi ma għandux bżonn isemmi li qiegħed jaġixxi fl-isem tal-prinċipal eżerċitanti l-kummerċ taħt dik id-ditta; meta huwa jaġixxi fl-isem ta' l-azjenda li minnha ġie nkarikat minn min jagħmel minnha, huwa jaġixxi sewwa anki mingħajr ma jindika l-isem tal-prinċipal. L-institur, fil-waqt li jkun qiegħed jittratta affari tal-prinċipal tiegħu, jista' jindika, minflok l-isem u l-kunjom tal-prinċipal, l-isem tad-ditta tal-prinċipal.*

*Hu veru illi d-ditta, jew aħjar l-azjenda kummerċjali, fil-liġijiet tagħna ma għandhiex awtonomija ġuridika, imma l-institur jassumi proċesswalment il-libsa ta' parti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £55. 13. 9, bilanċ ta' £62. 18. 10, prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-istess konvenut mid-ditta attriċi. Bl-imgħaxijiet kummerċjali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru 1952;

*Omissis;*

Rat il-verbal reġistrat mill-perit fis-sedata li saret qud-diemu fit-13 ta' Frar 1953, u li minnu jirriżulta illi l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur, fis-sens li "l-attur mhux persuna leġittima biex jipproponi l-azzjoni odjerna, billi, oltre l-fatt li l-użufruttwarja tad-ditta

attriċi hija ommu, hu mhux l-uniku "nudo proprietario" ta' l-istess ditta, u ma jirriżultax li għandu rappreżentanza legali ta' l-istess ditta valevoli skond il-liġi biex jirrappreżentaha ġudizzjarjament";

Billi l-perit issottometta l-imsemmija eċċezzjoni lill-Qorti, biex tiddeċidiha qabel kollox;

Tikkunsidra, dwar l-istess eċċezzjoni, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi l-attur ipproponwova l-azzjoni fil-kwalità tiegħu ta' institur tad-ditta attriċi, u l-azzjoni tnisslet minn obligazzjoni dipendenti minn att minnu magħmul fl-eżerċizzju tal-kummerċ ta' dik id-ditta. Il-konvenut, kif huwa wera waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ma jinnegax lill-attur il-kwalità ta' institur tad-ditta fuq imsemmija;

Illi skond il-liġi kummerċjali l-institur jista' jippromwovi azzjonijiet, u jista' jiġi konvenut f'ġudizzju, f'isem il-preponent għall-obligazzjonijiet dipendenti mill-attijiet minnu intrapriżi fl-eżerċizzju tal-kummerċ, jew ta' ram tal-kummerċ, li minnu jkun ġie inkarigat, anki meta l-prinċipal ikun jinsab f'dawn il-Gżejjer (art. 68 Kodiċi Kummerċjali);

Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija sostanzjalment bħal dik li tinsab fil-Kodiċi Kummerċjali Taljan;

L-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tikkonferma espressament il-fakoltà lill-institur li jirrappreżenta l-prinċipal tiegħu f'kawża, u testendi dik il-fakoltà anki għall-każ meta l-prinċipal ikun preżenti f'dawn il-Gżejjer. Ir-rappreżentanza tal-prinċipal assenti fil-persuna ta' l-institur hija konformi għad-dritt komuni, imma r-regola hija li l-mandatarju ma jistax jirrappreżenta lill-mandant li jkun preżenti f'dawn il-Gżejjer. Id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata tidderoga għal dan il-prinċipju proċedurali għaf-favur ta' l-institur, u tagħtieh il-fakoltà li jirrappreżenta f'ġudizzju lill-preponent, sija bħala attur sija bħala konvenut, anki jekk il-preponent ikun f'dawn il-Gżejjer; basta jkun f'kontroversji li jitnisslu minn obligazzjonijiet derivanti minn attijiet intrapriżi mill-istess institur fl-eżerċizzju tal-kummerċ, jew ram tal-kummerċ, li minnu jkun ġie inkarigat;

Illi għaldaqstant, billi l-attur Joseph Portelli hu l-institur

tad-ditta attriċi "Edgar Portelli", u l-azzjoni odjerna tnisslet minn operazzjoni minnu magħmula fl-eżerċizzju tal-kummerċ ta' dik id-ditta, hu għandu l-fakoltà li jippromwovi l-azzjoni f'isem il-prinċipal tiegħu, anki jekk dan mhux assenti minn dawn il-Gżejjer;

Illi, però, il-konvenut jibqa' jsostni l-eċċezzjoni, billi jippretendi illi l-attur ma aġixxiex f'isem il-preponent, għaliex ma ndikax li qiegħed jaġixxi *f'isem ta' min jagħmel* minn dik id-ditta. Fi kliem ieħor, il-konvenut jippretendi illi l-attur, biex ikun in regola u jkun aġixxa f'isem il-preponent, imissu esprima li qiegħed jaġixxi f'isem il-prinċipal eżerċenti l-kummerċ taħt id-ditta fuq indikata;

Tikkunsidra, dwar dina l-kwistjoni;

Illi, kif ġa ġie fuq *rilevat*, Joseph Portelli ppromwova l-azzjoni fil-kwalifika tiegħu ta' institur ("managing director") tad-ditta "Edgar Portelli". jiġifieri istitwixxa l-azzjoni f'isem dik id-ditta bħala institur tagħha; ippromwova l-azzjoni f'isem dik l-azjenda li minnha ġie inkarigat minn *min jagħmel minnha*, u *għalhekk huwa ppromwova l-azzjoni* f'isem il-prinċipal tiegħu, anki jekk ma ndikax ismu; liema indikazzjoni ma hemmx bżonnha meta jirriżulta ċar *illi l-institur* aġixxa f'isem il-preponent, u mhux f'ismu, minn ċirkustanzi oħra, fil-każ preżenti mill-indikazzjoni li qiegħed jaġixxi f'isem l-azjenda, li hu l-isem kummerċjali tal-preponent tiegħu;

Josserva l-Professur Agostino Ramella illi r-rappreżentanza ġudizzjali ta' l-institur ġiet disposta qabel kollox in garanzija tat-terzi li jkunu miegħu ikkuntrattaw (Codice di Commercio Commentato, Vol. VI, I, 372). Dawn it-terzi jistgħu ma jkunux jafu l-*prinċipal*, għaliex, kif jispjega Vivante *(Vol. I, 419), ikun 'il bogħod* jew estraneu għall-kummerċ. Kieku ma kienx biżżejjed li jikkonvjenu f'ġudizzju l-institur f'isem tad-ditta li għaliha jkun ikkuntratta magħhom, ma kienx ikun possibili għalihom li jikkonvjenuħ f'kawża, jekk mhux wara *indaġini* pjù o meno twila sabiex isiru jafu min *hu l-preponent proprjetarju tad-ditta*, u dana jmur kontra r-rapidità u l-bonafidi wkoll ta' l-affarijiet, kunsidrat speċjalment

il-preġudizzju irreparabbli li f'xi każijiet jista' jidderiva mid-dewmien:

Ma jistax f'dan il-punt jiġi obbjettat li t-terzi ma jistgħux ma jkunux jafu min hu l-prinċipal, jekk l-institur għandu dejjem jittratta l-affarijiet f'isem il-prinċipal (art. 66 Kodiċi ċitat); u dan għaliex, skond l-istess dispożizzjoni tal-liġi li timponi lill-institur d-dever li jittratta f'isem il-prinċipal, l-institur, fil-waqt li jkun qiegħed jittratta affari tal-prinċipal tiegħu, jista' jindika, mhux l-isem u l-kunjom tal-prinċipal, imma inveċi l-isem tad-ditta tal-prinċipal;

Mill-kliem ta' l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi—art. 66 Kodiċi Kummerċjali—jirriżulta mela wkoll illi, meta l-institur jippromwovi azzjoni, jippromwoviha sewwa f'isem il-prinċipal, meta jistitwiha f'isem id-ditta tal-prinċipal tiegħu — kif għamel l-attur fil-każ preżenti. U difatti, skond iċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi, l-institur għandu dejjem jittratta f'isem il-prinċipal, u meta jiffirma għandu jniżżel, ma' ismu u kunjomu, l-isem u l-kunjom jew l-isem tad-ditta "(the firm name" fit-test ingliż) tal-prinċipal, biż-żieda tal-kelmiet "bi prokura" jew oħrajn li jfissru hekk, u fin-nuqqas jobliga ruħu personalment. Mela, skond l-istess kelma tal-liġi, l-institur ikun qiegħed jittratta f'isem il-prinċipal anki meta jindika biss l-isem tad-ditta tal-prinċipal; u allura għandu jiġi raġjonevolment ritenut illi, skond l-istess liġi, l-institur ikun ippromwova azzjoni u jkun ġie konvenut f'ġudizzju f'isem il-prinċipal meta jaġixxi jew jiġi konvenut f'isem id-ditta—l-isem kummerċjali tal-prinċipal tiegħu;

Il-konvenut jobbjetta illi f'dan il-każ tiġi tonqos waħda mill-partijiet fil-kawża, il-għaliex l-institur ma jkunx qiegħed jidher f'ismu proprju, imma f'isem id-ditta, u d-ditta mhix persuna ġuridika;

Hu veru illi d-ditta, jew aħjar l-azjenda kummerċjali, fil-liġijiet tagħna ma għandhiex awtonomija ġuridika, la bħala suġġett u lanqas bħala oġġett ta' dritt; imma l-konvenut qiegħed jinsa illi l-institur jassumi proċesswalment il-libsa tal-parti. Il-fuq imsemmi Ramella jispjega illi l-institur, fil-waqt li fir-rapport materjali huwa rappreżentant tal-preponent, jassumi proċesswalment il-libsa ta' "parti", u għalhekk, fil-waqt

jili fl-ewwel każ ikunu opponibili l-eċċezzjonijiet tratti mill-persuna tal-prinċipal, fit-tieni każ huwa għandu, inveċi, il-poteri ta' parti "in lite" (op. ċit., paġ. 372);

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni, però mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż;

Tordna lill-perit ikompli jeżegwixxi l-inkarigu.